MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2608/2002

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Kenneth Cefai**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm736.31c (seba' mija u sitta u tletin lira Maltin u wiehed u tlettin centezmu) dovuti ghal xoghol u spare parts ipprovduti fuq il-vettura tieghu Ford Mondeo numru ta' registrazzjoni KJC 264 fuq istruzzjonijiet tieghu stess matul dawn l-ahhar xhur, liema ammont l-istess konvenut wara li tlesta x-xoghol obbliga ruhhu li jhallas u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 9 t'Ottubru, 2002 u tal-parir Lm15.00c (hmistax-il lira Maltin)

kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta’ meta tlesta x-xoghol.

Ra li l- konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------